# Ġwanni ta' San Sansun,

## *Karmelitan 1571-1636*

**minn P. Glen Attard, O.Carm.**

Ġwanni du Moulin twieled fid-29 ta' Diċembru 1571 ġewwa Sens-de-Bretagne, raħal żgħir finnaħa ta' fuq ta' Franza, minn Pierre du Moulin u Marie d'Aiz. Ġie mgħammed l-għada. Kien wieħed minn tliet aħwa. Iżda minħabba marda li qabditu ta' età żgħira ħafna, u n-nuqqas ta' kura li sab biex ifiq minnha, iċ-ċkejken Ġwanni spiċċa biex għama kompletament ta' tliet snin biss. Ta' għaxar snin, Ġwanni mbagħad safa orfni u mar jgħix maz-ziju Zacharie d'Aiz. Minkejja dawn it-traġedji bikrija fil-ħajja taċ-ċkejken Ġwanni, huwa rċieva edukazzjoni tajba. Huwa studja l-letteratura, l-istorja, il-Latin, kif ukoll tgħallem idoqq diversi strumenti mużikali, fosthom l-ispinet, il-vjola, il-mandore, il-lute, l-arpa, il-flawt, u, fuq kollox, l-orgni, tant li ta' tnax-il sena nsibuh jaħdem diġà bħala organista fil-knisja tad-Dumnikani f'raħal twelidu. Fl-adolexxenza mbagħad insibuh jiċċaqlaq ta' spiss minn belt għal oħra, sakemm ta' sitta u għoxrin sena fl-1597 imur jgħix fil-belt kapitali Franċiża, Pariġi, flimkien ma' ħuh fejn ġie f'kuntatt ma' awturi spiritwali importanti, speċjalment dawk mit-tradizzjoni Renana-Fjamminga, u fejn ukoll beda jattendi s-salon (is-salott) ta' Madame Acarie. Dan is-salon kien sar post ta' influwenza kbira fit-tradizzjoni mistika ta' Franza. Ħafna millpersunaġġi l-kbar li mbagħad kienu l-protagonisti tal-hekk imsejħa Invażjoni Mistika fis-seklu sbatax fi Franza, għaddew kollha minn dan is-salon, fosthom San Franġisk de Sales u San Vinċenz de Paul, kif ukoll diversi reliġjużi Karmelitani, fosthom iż-żagħżugħ Matthieu Pinault. Permezz ta' Pinault, li tiegħu Ġwanni kien sar mudell u gwida spiritwali, madwar l-1600 beda jiffrekwenta l-kunvent tal-Karmelitani fi Place Maubert fejn kien ukoll għal xi żmien jaħdem bħala organista. Tant kienet kbira l-ħeġġa ta' dawn iż-żewġ żgħażagħ għall-ħajja tat-talb li flimkien, Pinault u Ġwanni, bdew jaqraw u jimmeditaw fuq kitbiet mistiċi. Maż-żmien, magħhom bdew jingħabru għadd ta' reliġjużi u nies oħrajn fil-kunvent ta' Pariġi. Ma għaddiex wisq żmien li l-komunità laqgħet lil Ġwanni biex jibda jgħix fil-kunvent, fejn kien jagħti wkoll lezzjonijiet tal-mużika lill-istudenti Karmelitani. Diġà minn din l-età, Ġwanni kien iqatta' sigħat twal fit-talb.

Ta' ħamsa u tletin sena, fl-1606 Ġwanni daħal fl-Ordni Karmelitan fil-komunità ta' Dol, fil-Bretanja, u fl-1607 għamel il-professjoni reliġjuża fejn ħa l-isem ta' fra Ġwann ta' San Sansun. Wisq probabbli, huwa għażel il-kunvent ta' Dol kemm minħabba l-ħbiberija tiegħu ma' Pinault kif ukoll minħabba li l-kunvent kien fqir u fih tingħax ħajja siekta. Dan il-fatt waħdu jurina x'kien jiġbed lil fra Ġwann għall-ħajja interjuri, is-sempliċità, id-distakk materjali, l-importanza tat-talb interjuri, u l-ħbiberiji spiritwali. Matul ħajtu kollha, nistgħu ngħidu, Ġwanni kellu saħħa dgħajfa imma ħajja interjuri profonda. Fil-kriżi tal-pesta li ħakmet Franza meta hu kien għadu novizz, Ġwanni ddistingwa ruħu wkoll għall-imħabba tiegħu għall-fqar u l-morda. Huwa pprefera jibqa' f'Dol mal-morda tal-pesta (fosthom ukoll xi reliġjużi Karmelitani) milli jiċċaqlaq lejn belt oħra. Wara li l-pesta laqtet novizz kumpann ta' Ġwanni, kien Ġwanni biss li għażel li jibqa' miegħu biex idur bih. Minħabba f'hekk, Ġwanni spiċċa biex laqqat hu wkoll il-pesta. L-istorja turina li Ġwanni kien għalih mhux biss ta' wens emozzjonali imma wkoll ta' gwida spiritwali biex imut mewta tajba. Minħabba f'dan, is-superjuri tiegħu kif ukoll l-Isqof ta' Dol bdew jaraw fi fra Ġwann persuna ta' profondità spiritwali tal-għaġeb, u fi żmien qasir dan tal-aħħar sar l-akbar dixxiplu tiegħu.



Fl-1612, fra Ġwann ngħaqad mal-komunità ta' Rennes, riformata skont l-ispiritwalità tar-Riforma Karmelitana ta' Touraine, fejn reġa' għamel in-novizzjat taħt il-ħabib tal-qalb Pinault, li kien il-Mastru tiegħu. Wara l-professjoni f'din ir-Riforma, fra Ġwann intgħażel biex ikun il-Mastru tan-Novizzi, liema uffiċċju hu baqa' jaqdi sa mewtu fl-1636. In-novizzi saru mhux biss id-dixxipli ta' fra Ġwann, iżda wkoll is-segretarji u l-qarrejja tiegħu. Ta' spiss, fra Ġwanni kien iqabbad lin-novizzi jaqrawlu testi mistiċi, u filwaqt li jkunu qed jaqrawlu jintilef f'estasi u jibda jtenni diskors li n-novizzi kienu jieħdu nota tiegħu. In-novizzi traskrivewlna wkoll id-diskorsi u l-konferenzi li fra Ġwann kien jagħtihom. Minħabba f'hekk, il-kitbiet ta' fra Ġwann li għandna f'idejna llum mhumiex faċli biex jinqraw minħabba l-fatt li aktar milli lezzjonijiet huma djalogu jew ħsibijiet interjuri, u minħabba f'hekk mhumiex strutturati, apparti li huma miktubin bi Franċiż tas-seklu sbatax. Madanakollu, in-noti ta' dawn in-novizzi, li llum jinżammu fl-Arkivji ta' Rennes u Tours, jixhdu li fra Ġwann kellu dimensjoni mistika kumplessa. Huwa kien influwenzat mill-mistika ta' Jan ta' Russbroec u Henry ta' Herp, kif ukoll minn San Girgor ta' Nyssa, San Bernard ta' Clairvaux u mill-awturi l-kbar tal-ispiritwalità Karmelitana li kollha ħarsu lejn ir-relazzjoni tar-ruħ ma' Alla bħala waħda ta' mħabba, għerusija, u żwieġ mistiku. Fil-fatt, il-mistika ta' Ġwanni wkoll għandha dimensjoni sponsali qawwija.

L-ispiritwalità ta' Ġwanni ta' San Sansun iddur madwar l-umanità ta' Kristu. Hu ċ-ċavetta li jiftaħ lir-ruħ għal Alla li huwa relazzjoni Trinitarja. Il-ħolqien kollu huwa maħluq tajjeb minn Alla, u minħabba f'hekk ilkoll kemm aħna għandna fina ż-żerriegħa li, jekk inwieġbu tajjeb għaliha, twassalna għall-għaqda ma' Alla li ma titħassarx. L-imħabba ta' fra Ġwann għall-fqar u l-morda għenuh biex jiddistakka ruħu kompletament mill-pjaċiri tad-dinja. Kien jara fil-fqar, il-morda, u l-batuti mezzi tal-ħniena ta' Alla. Kienu għalih ukoll okkażjoni għad-distakk materjali u emozzjonali, biex l-għaqda ma' Alla tinbena fuq atti ta' mħabba żgħar u konkreti li quddiem Alla huma kbar u profondi. L-umanità ta' Ġesù tgħinna u tagħtina saħħa interjuri f'dan il-vjaġġ mistiku tagħna ma' Alla, u lejn Alla. Fl-imħabba tiegħu għas-Salib ta' Ġesù, kien ta' spiss itenni l-kliem ta' San Pawl "Issallabt ma' Kristu" (Gal 2:19), li kienu wkoll l-aħħar kelmiet tiegħu fuq is-sodda tal-mewt fl-14 ta' Settembru 1636.

B'hekk, fi żmien qasir, diġà matul ħajtu, fra Ġwann sar ir-ruħ mistika tar-Riforma Karmelitana Franċiża li kienet bdiet lejn l-aħħar tas-seklu sittax fil-kunventi Karmelitani ta' Touraine bl-intenzjoni li tiġi osservata ħajja reliġjuża iktar stretta. Din ir-Riforma Franċiża kellha konsegwenzi kbar fl-Ordni Karmelitan. Wara li r-Riforma Karmelitana Spanjola fis-seklu sittax, minħabba raġunijiet mhux għalkollox spiritwali, waslet biex qasmet l-Ordni Karmelitan, il-protagonisti tar-Riforma ta' Touraine fittxew li jagħtu viżjoni mistika kif ukoll strutturi riformati ta' talb biex l-Ordni Karmelitan jiġġedded minn ġewwa. Tant din ir-Riforma baqa' jkollha effett fuq il-ħajja spiritwali tal-Ordni li fl-1902, il-Kapitlu Ġenerali approva l-abbozz tal-Kostituzzjonijiet il-ġodda tal-Ordni Karmelitan li kienu miktubin fl-ispirtu tar-Riforma ta' Touraine. Dawn il-Kostituzzjonijiet ġew approvati mill-Papa Piju X u promulgati fl-1904, u l-istruttura u l-provedimenti bażiċi tagħhom għadha tifforma l-bażi tal-Kostituzzjonijiet li għandna f'idejna sal-lum stess.